Maltese

# Multicultural Seniors Information Guide
# Anzjani Multikulturali Gwida ta' Tagħrif

GĦAL SERVIZZI TA' SAPPORT FFINANZJATI MILL-GVERN LI JISTGĦU JINKISBU BIEX JGĦINUK TGĦIX TAJJEB



MCCI

## Liema servizzi għandi bżonn?



Il-bżonn għal tagħrif u għajnuna jista' jinqala' f'kwalunkwe ħin f'ħajtek, u meta tipprova issib fejn trid tmur fis-sistema ta' tagħrif jista' jkun diffiċli ħafna. Dan il-ktejjeb ġie żviluppat biex jgħinek u lill-familja tiegħek tifhmu s-servizzi li hemm, ffinanzjati mill-gvern għall-persuni li għalqu 65 sena u akbar biex jgħixu ħajja b'saħħitha u sodisfaċenti.

# Kontenuti


Il-Vjaġġ tal-Klijent ta' My Aged Care .......... 2
Is-Sistema tal-Kura tal-Anzjani fl-Awstralja .......... 3
Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretar .......... 4
Dimenzja .......... 6
Li tkun Kerer .......... 9
Ippjanar għal Quddiem .......... 11
Kura Paljattiva .......... 17
Abbuż tal-Anzjani .......... 19
Tifhem id-Drittijiet Tiegħek .......... 21
Inkontinenza .......... 24
Aged Care Volunteer Visitors Scheme (ACVVS) (Skema tal-Viżitaturi Voluntiera tal-Kura tal-Anzjani) .......... 27
Trasport Komunitarju .......... 28
Meals on Wheels (Servizz ta' Ikel li Jitwassal id-dar tiegħek) .......... 29
Jgħinuk Tikseb il-Kura .......... 30
Saħħa Mentali .......... 31
LISTA TAS-SORSI .......... 33


© Copyright (Id-dritt tal-Awtur) 2018 Multicultural Communities Council of Illawarra Inc. (Il-Kunsill tal-Komunitajiet Multikulturali ta'Illawarra) ir-Raba' edizzjoni 2023. Int tista' tikkopja, tqassam, turi, tniżżel u b'mod ieħor tuża dan it-tagħrif bla ħlas basta tattribwixxi li l-MCCI hu s-sid.

Il-Partners in Culturally Appropriate Care (PICAC) (Is-sieħba fil-Kura Xierqa Kulturalment) ta' NSW u l-ACT hi parti mill-Allejanza tal-PICAC madwar il-pajjiż kollu li hi ffinanzjata mill-Gvern Awstraljan biex jissapportja lill-provvedituri tas-servizz tal-kura tal-anzjani biex iwasslu l-kura li tissodisfa l-bżonnijiet ta' persuni li huma lingwistikament u kulturalment (CALD) diversi. PICAC NSW & ACT hija awspikata mill-MCCI.





# My Aged Care

## Il-Vjaġġ tal-Konsumatur

Sib it-tagħrif fi: www.myagedcare.gov.au 1800 200 422

Jekk tinbidel xi ħaġa, mur lura għal my Aged Care

### 1 ISSIB IS-SERVIZZI

Jekk ma tistax tagħmel dan int stess, staqsi lill-familja, ħabib, il-kerer jew lit-tabib tiegħek biex jgħinek issib aktar tagħrif dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani.

### 2 MUR ONLAJN JEW ĊEMPEL LIL 'MY AGED CARE'

- ✓ Il-familja, il-ħbieb, il-kerers jew it-tabib tiegħek jistgħu jagħmlu riferiment onlajn jew iċemplu lil My Aged Care għan-nom tiegħek jekk ma tistax tagħmel dan int stess.
- ✓ My Aged Care ser jistaqsuk firxa ta' mistoqsijiet biex jitgħallmu dwar il-bżonnijiet tiegħek tal-kura.
- ✓ My Aged Care ser jorganizzaw Servizzi tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (TIS) jekk m'intix komdu titkellem bl-Ingliż.

### 3 ARA X'GĦANDEK BŻONN

- ✓ My Aged Care jistgħu jirreferuk biex tirċievi servizzi ta' kura bażika jekk għandek bżonnhom (p.e. ikel jew trasport).

jew

- ✓ My Aged Care ser jitolbu lill-assessuri biex iżuruk f'darek biex isiru jafu aktar dwar il-bżonnijiet tiegħek tal-kura.
- ✓ Int ser tkun invistat minn assessuri RAS jew ACAT.

**Is-Servizz tal-Assessjament Reġjonali (SAR) jista' jirrakkomanda:**

Sapport soċjali jew fid-dar u respajt (p.e. għajnuna fit-tindif, kura personali jew għajnuna lill-kerer)

**L-Aged Care Assessment Team (ACAT) (It-Tim tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani) jista' jirrakkomanda:**

Pakketti tal-Kura fid-Dar, respajt u kura residenzjali (p.e. għajxien issapportjat fid-dar jew kura tan-nersink)

### 4 TIRĊIEVI S-SERVIZZI

L-assessur tiegħek ser jirreferik għand provveditur li tagħżel int biex tirċievi wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin:

- Commonwealth Home Support Program (Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar)
- Home Care Package (Pakketti tal-Kura fid-Dar)
- Kura Residenzjali

# Is-Sistema tal-Kura tal-Anzjani fl-Awstralja



## Għajnuna fid-Dar

SERVIZZI IBBAŻATI FIL-KOMUNITÀ

- Għajnuna fid-Dar
- Trasport
- Tagħmel ix-xirja
- Kura tar-Respajt
- Kura tan-Nersink

## Kura Residenzjali



**DJAR TAL-KURA TAL-ANZJANI**

- Akkomodazzjoni
- Kura Personali
- Faċilitajiet ta' Rikreazzjoni



**RESPAJT RESIDENZJALI**

- Kura Speċjalizzata
- Servizzi tas-Saħħa

**GĦAŻLIET IFFINANZJATI LI MHUMIEX GOVERNATTIVI**

- Faċilitajiet ta' Rikreazzjoni
- Servizzi ta' Saħħa u Sbuħija
- Postijiet li joffru Ikel
- Spazji Fejn Jistgħu Jsiru Laqgħat



## Għajxien Indipendenti

**FAĊILITAJIET U SERVIZZI MAQSUMA MA' PERSUNI OĦRA**





# Servizz tat-Traduzzjoni & l-Interpretar

Is-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar (TIS) hu servizz tal- interpretar ipprovdut mid-Dipartiment tal-Affarijiet Interni għal persuni li ma jitkellmux bl-Ingliż u għall-aġenziji u negozji li għandhom bżonn jikkomunikaw ma' klijenti li ma jitkellmux bl-Ingliż.




**UŻA T-TIS GĦAL**




- laqgħat wiċċ imb' wiċċ
- appuntamenti mediċi u viżiti fl-isptar
- assessjament i tal-kura tal-anzjani
- interpretazzjoni immedjata bit-telefon 24 siegħa kuljum

# Kif Tuża s-Servizzi tat-Traduzzjoni u l-Interpretar

Tista' ċċempel lis-servizz ta' My Aged Care permezz tat-TIS.

1. Għid lill-operatur bl-Ingliż il-lingwa li titkellem.
2. L-operatur imbagħad ser jikkonettjak ma' interpretu li jitkellem il-lingwa tiegħek.
3. Spjega lill-interpretu li trid tikkuntattja lil My Aged Care fuq 1800 200 422 u l-operatur tat-TIS iċemplilhom għan-nom tiegħek. Hekk kif My Aged Care iwieġbu t-telefown, l-interpretu jinterpreta t-taħdita tiegħek.




ATIS (Automated Telephone Interpreting Service (Servizz Awtomatizzat tal-Interpretar bit-Telefon) juża teknoloġija li tagħraf il-vuċi biex tidentifika l-lingwa mitluba u awtomatikament tqabbdek mal-interpretu f'dik il-lingwa. L-ATIS tista' tintuża wkoll għal telefonati mibdija minn aġenziji, imma mhux għal telefonati mibdija minn persuna li ma tafx titkellem bl-Ingliż.

Kelliema li ma jafux jitkellmu bl-Ingliż jridu jċemplu **131450** biex jaqbdu interpretu.



## Ikseb aktar tagħrif

**Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar** **www.tisnational.gov.au** **131 450**







# Dimenzja




**Id-dimenzja hi kelma li tkopri aktar minn 100 tip differenti ta' mard li jolqtu l-abilitajiet konjuttivi. Il-marda tal-Alzheimer hi l-aktar tip komuni tad-dimenzja. Għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każi id-dimenzja tolqot lil persuni akbar fl-età, mhix parti normali tax-xjuħija.**

## Tipi ta' Dimenzja



| | | |
|---|---|---|
| Marda tal-Alzheimer | Il-marda tal-Alzheimer tagħmel ħsara fil-moħħ. | Tirriżulta f'impediment tal-memorja, f'kif taħseb u fl-imġieba, hekk kif il-marda tinfirex fil-partijiet aktar fondi tal-moħħ, il-memorja fuq firxa ta' żmien twil tintilef ukoll. |
| Dimenzja vaskulari | Id-dimenzja assoċjata ma' problemi ta' ċirkulazzjoni tad-demm li jagħti għall-moħħ. | Marbuta mat-tagħlim, telf tal-memorja u lingwa u tinkludi li tħossok qed tagħmel l-affarijiet bil-mod u b'letarġija, issibha bi tqila timxi, bidla fl-emozzjonijiet tiegħek. |
| Dimenzja magħrufa bħala Lewy body dementia (LBD) | Lewy body dementia hi marda ikkawżata minn deġenerazzjoni u mewt taċ-ċelluli tan-nervituri fil-moħħ. | Issibha bi tqila tikkonċentra u toqgħod attent, alluċinazzjonijiet viżwali, Parkinsoniżmu. |
| Dimenzja li hi marbuta max-xorb tal-alkoħol | Li għandha x'taqsam ma' xorb żejjed tal-alkoħol | Tolqot il-memorja, it-tagħlim u funzjonijiet oħra mentali. |
| Dimenzja frontotemporali | Minħabba d-dannu progressiv fil-lobi frontali u temporali tal-moħħ. | Jista' jirriżulta f'inqas abilitajiet intelletwali u tibdil fil-personalità, l-emozzjoni u l-imġieba. |

## Is-Sintomi tad-Dimenzja








## Kif Tikseb l-Għajnuna

1. Tikeb tagħrif u tagħraf is-sintomi kemm fik stess jew f'ħabib jew membru tal-familja.
2. Tkellem ma' professjonist, ibda bit-tabib tal-familja li mbagħad ser jirreferik.
3. Ikseb dijanjożi minn professjonist.
4. Ikseb tagħrif dwar is-servizzi li hemm u l-kura xierqa jew għażliet rigward sapport.
5. Uża s-servizzi xierqa tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali għas-sapport matul il-vjaġġ tad-dimenzja.



## Ikseb aktar tagħrif

**Dementia Australia** toffri firxa ta' servizzi sensittivi u flessibbli biex jissapportjawk jekk int għandek id-dimenzja jew qed tieħu ħsieb xi ħadd bid-dimenzja. Hemm tagħrif f'43 lingwa differenti.

**www.dementia.org.au** **1800 100 500**

**Dementia Support Australia (DSA)** hu servizz immexxi minn HammondCare li jġib flimkien servizz ta' esperti fil-kura tad-dimenzja minn madwar l-industrija tal-kura tal-anzjani.

**https://dementia.com.au** **1800 699 799**



# Li tkun Kerer

Kerer hu kull persuna li tipprovdi kura u sapport lil xi membru tal-familja jew ħabib li għandu diżabilità, mard mentali, dipendenza fuq drogi u/jew alkoħol, kundizzjoni kronika, mard terminali jew hu debboli. Il-kerer għandu mnejn isajjar u jnaddaf għall-persuni li huma jieħdu ħsieb, jgħinuhom jużaw il-kamra tal-banju u biex jaħslu lilhom infushom, jimmaniġġjaw il-mediċini tagħhom, u joħduhom għall-appuntamenti tat-tabib, jew sempliċiment jipprovdu sapport emozjonali. Xi kerers jipprovdu kura għal ftit sigħat biss fil-ġimgħa, imma għal ħafna kerers il-kura hi responsabbiltà il-ħin kollu.

## Sapport għal Kerer

Xi kultant il-kerer iħoss li ma jistax ikampa, jħossu waħdu jew taħt stress, speċjalment jekk iħoss li hu mingħajr sapport fir-rwol tiegħu tal-kura. Dawn l-emozzjonijiet huma normali imma hu importanti li titlob l-għajnuna jekk tħossok hekk. Int għandek mnejn ikollok membri oħra tal-familja jew ħbieb li jistgħu jgħinu, jew għandu mnejn ikun hemm bżonn titlob aktar sapport minn servizzi formali. Il-kerers għandu mnejn ukoll ikunu eliġibbli għal sapport finanzjarju minn Centrelink, bħal l-Carers Allowance (l-Għajnuna finanzjarja tal-Kerer) jew il-Carer Payment (Pagament tal-Kerer).

Hemm numru ta' servizzi għall-kerers bħal:









**Il-persuna li int tieħu ħsiebha għandha mnejn tkun tista' tikseb kura u sapport addizzjonali mis-servizzi tal-kura tal-anzjani jew tad-diżabilità tal-gvern. Jekk il-persuna li qed tieħu ħsiebha għanda diżabilità u għandha inqas minn 65 sena huma għandhom mnejn ikunu eliġibbli għas-sapport tad-diżabilità minn National Disability Insurance Scheme (NDIS) (Skema Nazzjonali tal-Inxurjans tad-Diżabilità). Għal aktar tagħrif ċempel 1800 800 110 jew mur f'www.ndis.gov.au. Jekk il-persuna li qed tieħu ħsiebha għandha aktar minn 65 sena, mur fuq paġna 2 għal aktar tagħrif dwar My Aged Care.**

## Ikseb aktar tagħrif

**Carers Australia** hi l-korp prinċipali nazzjonali tal-Awstralja li jirrappreżenta lil kerers li ma jitħallsux. Huma jaħdmu biex itejbu s-saħħa, il-benesseri, ir-reżiljenza u s-sigurtà finanzjarja tal-kerers u jiżguraw li l-kura hi responsabbiltà li tinqasam bejn il-familja, l-komunità u l-gvern.

Carers Australia taħdem flimkien ma' sieħba statali u territorjali u organizzjonijiet membri, in-Netwerk nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Kerers, biex twassal firxa ta' servizzi essenzjali nazzjonali tal-kerer.

**www.carersaustralia.com.au** **1800 242 636**

**Carer Gateway** hi servizz onlajn (bil-kompjuter) u bit-telefown li jipprovdi tagħrif u riżorsi prattiċi biex jissapportjaw lill-kerers.

**www.carergateway.gov.au** **1800 422 737**



# Ippjanar għal Quddiem

Iċ-Ċirkustanzi f'ħajtek jistgħu jinbidlu malajr. Jekk tippjana għal quddiem dan jgħinek taħseb dwar x'għandek bżonn li jkun lest biex tieħu ħsieb tiegħek innifsek u persuni li tħobb.

## TESTMENT

**Min ser jieħu l-affarijiet kollha tiegħi meta mmut u min ser jara li dak li nixtieq fil-fatt iseħħ?**

Li tara li jkollok testment ċar, validu legalment u aġġornat hu l-aħjar mod biex tiżgura li l-assi tiegħek huma protetti. Barra minn dan, int tista' tbiddel ukoll it-testment tiegħek meta trid u ħafna drabi, dment li int kapaċi tieħu d-deċiżjonijiet, pereżempju tieħu deċiżonijiet għalik stess.

## PROKURA

**Min ser jieħu deċiżjonijiet dwar il-flus jekk ma nkunx nista'**

Int tista' tagħżel membru tal-familja, ħabib jew in-NSW Trustee & Guardian (id-Depożitarju u l-Kuratur ta' NSW) biex ikun il-persuna li tieħu ħsieb ġidek/ħwejġek). Int tista' wkoll tħassar il-Prokura tiegħek meta trid int dment li jkollok il-kapaċità tieħu d-deċiżjonijiet. Irreferi għall-lista tal-kuntatt t'ħawn taħt għal tagħrif dwar stati oħra.

## ENDURING GUARDIAN

**Min ser jieħu deċiżjonijiet dwar saħħti u fejn ser ngħix jekk ma nkunx nista' niddeċiedi jien stess ?**

Int tista' taħtar Enduring Guardian biex jieħdu deċiżjonijiet u għażliet dwar is-saħħa u l-istil tal-ħajja jekk titlef il-ħila li tagħmel dawn id-deċiżjonijiet.

## ADVANCE CARE PLANNING (IPPJANAR BIL-QUDDIEM TAL-KURA)

**Xi trattament u kura medika irrid fil-futur?**

Kellem lit-tabib u l-persuni qrib tiegħek dwar it-tipi ta' kura medika u tas-saħħa li int għandek mnejn trid tirċievi jekk m'intix kapaċi titkellem għan-nom tiegħek stess.





# Il-Lista tiegħek tal-Iċċekkjar biex Tippjana għall-Quddiem

Int għandek mnejn trid tuża l-listi tal-iċċekkjar li ġejja biex tgħinek tippjana għal quddiem.

## 1. LISTA TAL-IĊĊEKKJAR **TAL-IPPJANAR GĦAL QUDDIEM**

| REKORD TAL-IPPJANAR GĦAL QUDDIEM | IVA /LE | AKTAR TAGĦRIF |
|---|---|---|
| Int għamilt dokument li jaħtar Enduring Guardian? | | Fejn hu?<br>Min hu l-Enduring Guardian tiegħek? |
| Int imlejt formola 'Record or My Wishes form' (Rekord jew formola tax-Xewqat tiegħi) ? | | Fejn hu? |
| Int għamilt Power of Attorney (Prokura)? | | Fejn hu?<br>Min hu l-Attorney (il-Prokuratur)? |
| Int ktibt dokument li hu magħruf bħala Advance Care Directive (Direttiva Għal Meta Ma Tkunx aktar Tista' Turi x'tip ta' Kura tixtieq)? | | Fejn hu? |
| Int ħsibt x'tixtieq li jsir dwar id-donazzjoni tal-organi u tat-tessut tiegħek? | | Hemm bżonn tirreġistra?<br>Lil min għidt? |
| Int għamilt pjan rigward il-funeral? | | Fejn hu? |

## 2. IL-LISTA TAL-IĊĊEKKJAR **TIEGĦEK** TAL-KUNTATTI

| IL-PERSUNA LI TRID TITKELLEM MAGĦHA: | IVA /LE | ID-DETTALJI TAL-KUNTATT TAGĦHOM |
|---|---|---|
| Tkellimt mal-professjonisti tas-saħħa u tal-kura soċjali dwar ix-xewqat tiegħek?<br><br>Jekk iva, Advance Care Planning Summary (Sommarju tal-Ippjanar Meta ma Tkunx Aktar Tista' Turi x'Tip ta' Kura tixtieq) jitlesta għan-nom tiegħek? | | |
| Tkellimt ma' membru tal-familja jew ħabib dwar ix-xewqat tiegħek? | | |
| Int rajt li d-dokumenti tal-ippjanar bil-quddiem (testment, Power of Attorney u Enduring Guardianship ) ġew ippreparati minn professjonist? | | |
| Int ħtart xi persuna jew organizzazzjoni tat-trustee (depożitarju) biex ikunu l-eżekuturi tat-testment tiegħek? | | |





IPPJANAR GĦAL QUDDIEM

## 3. IL-LISTA TAL-IĊĊEKKJAR **TIEGĦEK** TAT-TAGĦRIF U TAT-DOKUMENTI

| TAGĦRIF/DOKUMENT | MIN JAF FEJN TINSTAB? | NOTI |
|---|---|---|
| Iċ-ċertifikat tiegħek tat-twelid | | |
| Id-dettalji tal-kontijiet tiegħek tal-bank | | |
| Id-dettalji dwar il-polza tiegħek tal-inxurjans tal-ħajja | | |
| Id-dettalji dwar il-polza tiegħek tal-inxurjans tad-dar | | |
| Id-dettalji dwar il-polza tiegħek tal-inxurjans tal-karozza | | |




**Is-servizzi tal-preparazzjoni tat-testment huma pprovduti bla ħlas għall-persuni eliġibbli għall-Pensjoni Sħiħa tal-Età (inkluż persuni li qed jirċievu benefiċċji oħra tal-gvern, bħal Pensjoni tal-Dipartimet tal-Affarijiet tal-Veterani, li nkella jkunu eliġibbli għal Pensjoni sħiħa tal-Età ta' Centrelink).**

# Ikseb aktar tagħrif

**Older Persons Advocacy Network (OPAN) (Netwerk tas-servizzi tal-Persuna li Tgħin Persuni Akbar fl-Età)** hu korp nazzjonali li jwassal servizzi ta' persuna li tgħin (Advocate), tagħrif u edukazzjoni bla ħlas għall-persuni akbar fl-età madwar l-Awstralja.

**www.opan.com.au** **1800 700 600**

**In-NSW Trustee & Guardian (Id-Depożitarju u l-Kuratur ta' NSW)** għandu tagħrif dwar l-ippjanar bil-quddiem f'firxa ta' lingwi, kif ukoll numru ta' pubblikazzjonijiet għall-komunitajiet Aboriġeni.

**www.tag.nsw.gov.au** **1300 364 103**

Is-sit tal-web tal-**Għodda għall-Ippjanar bil-Quddiem** tipprovdi tagħrif sempliċi dwar kif tagħmel testment, Prokura u Enduring Guardianship .

**www.planningaheadtools.com** **1300 554 791**

**Advance Care Planning Australia** hu programm nazzjonali u jwassal tagħrif dwar l-Ippjanar tal-Kura u d-Direttivi tal-Kura (meta ma tkunx tista turi x'tip ta' kura tixtieq).

**www.advancecareplanning.org.au** **1300 208 582**

**Legal Aid L-Għajnuna Legali** joffri tagħrif bla ħlas madwar l-Awstralja dwar testmenti, Prokuri u Enduring Guaradianship. Jistgħu jirreferuk ukoll għal post biex tipprepara dawn id-dokumenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Legal Aid ACT** | **www.legalaidact.org.au** | **1300 654 314** |
| **Legal Aid NSW** | **www.legalaid.nsw.gov.au** | **1300 888 529** |
| **Legal Aid NT** | **www.legalaid.nt.gov.au** | **1800 019 243** |
| **Legal Aid QLD** | **www.legalaid.qld.gov.au** | **1300 65 11 88** |
| **Legal Aid SA** | **www.lsc.sa.gov.au** | **1300 366 424** |
| **Legal Aid TAS** | **www.legalaid.tas.gov.au** | **1300 366 611** |
| **Legal Aid VIC** (jipprovdu 19-il lingwa differenti) | **www.legalaid.vic.gov.au** | **1300 792 387** |
| **Legal Aid WA** | **www.legalaid.wa.gov.au** | **1300 650 579** |

**State Administrative Tribunals (Tribunali Amministrattivi Statali)** jgħinu f'każi fejn persuna li m'għandhiex il-kapaċità legali jew fejn hemm xi tħassib dwar jekk xi ħadd kellux l-kapaċità meta l-Prokura/Enduring Guardianship kienet ippreparata.

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' NSW (NCAT)**
**www.ncat.nsw.gov.au** **1300 006 228**

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' VIC (VCAT)**
**www.vcat.vic.gov.au** **1300 018 228**

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv tal-ACT (ACAT)**
**www.acat.act.gov.au** **(02) 6207 1740** (agħżel għażla #1)

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' QLD (QCAT)**
**www.qcat.qld.gov.au** **1300 753 228**

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' SA (SACAT)**
**www.sacat.sa.gov.au** **1800 723 767**

**It-Tribunal Statali Amministrattiv ta' WA (SAT)**
**www.sat.justice.wa.gov.au** **(08) 9219 3111**

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' NT (NTCAT)**
**www.nt.gov.au** **(08) 8999 5511**

**It-Tribunal Ċivili u Amministrattiv ta' TAS**
**www.guardianship.tas.gov.au** **1300 799 625**



# Kura Paljattiva

Il-Kura Paljattiva hi kura li tgħin il-persuni jgħixu ħajjithom bl-aktar mod totali u komdu kemm jista' jkun meta jkunu qegħdin jgħixu b'marda li tillimita lil ħajjithom jew waħda terminali.

DID YOU KNOW?

**Is-servizzi tal-Kura Paljattiva jistgħu jingħataw**

- fi sptar
- fid-dar
- f'unit tal-kura paljattiva speċjalizzat
- f'faċilità tal-kura tal-anzjani residenzjali





## Tipi ta' Kura li Hemm




## Ikseb aktar tagħrif

**Il-Palliative Care Australia** hi l-korp prinċipali nazzjonali għall-kura paljattiva. Il-kura paljattiva ser tgħinek timmaniġġja l-marda tiegħek, aktar u aktar l-uġigħ u s-sintomi, biex int tkun tista' tgħix bl-aħjar mod li tista' waqt li timmaniġġja l-marda li tillimitalek ħajtek. Il-kura Paljattiva tista' wkoll tipprovdi sapport lil kerers u lill-membri tal-familja.

**www.palliativecare.org.au**   **02 6232 0700**



# Abbuż tal-Anzjani

L-abbuż tal-anzjani hu att wieħed jew ripetut, jew nuqqas ta' azzjoni xierqa, li sseħħ fi ħdan ir-relazzjoni fejn hemm stennija ta' fiduċja, li tikkawża ħsara jew uġigħ lill-persuni akbar fl-età (Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa).

## Tipi t'Abbużi tal-Anzjani

### Abbuż Psikoloġiku/Emozzjonali

- Xi ħadd ipprova jweġġgħek jew jagħmel ħsara fi ħwejġek
- Tkun intimidat, umiljat jew xi ħadd jagħtik fastidju
- Tkun mhedded li ser jibgħatuk f'dar tan-nersink (tax-xjuħ)
- Xi ħadd iċaħħdek mid-dritt li tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek

### Abbuż Fiżiku

- Tingħata xi daqqa ta' ħarta, isawtuk, jinbuttawk, jixxejkjawk, jimbuttawk bis-saħħa jew ixekkluk/iżommuk milli tagħmel dak li tixtieq tagħmel
- Trażżin fiżiku jew kimiku li mhuwiex awtorizzat
- Trażżin fiżiku, pereżempju tkun marbut ma' siġġu

### Abbuż Finanzjarju

- Xi ħadd jieħu flus mill-pensjoni tiegħek jew jieħu l-flus mill-kont bankarju tiegħek
- Jinbiegħu ħwejġek mingħajr permess
- Tkun sfurzat tbiddel it-testment tiegħek
- Xi ħadd jisfurzak tiffirma u tagħtihom flusek u/jew il-propjetà tiegħek
- Ma tkunx taf x'qed jiġri bi flusek jew ma tkunx inkluż fid-deċiżjonijiet dwar flusek jew l-assi tiegħek



### Negliġenza

- Tagħti lil xi ħadd mediċina aktar milli suppost jew inqas milli suppost.
- Tħalli lil xi ħadd id-dar jew maqful f'xi kamra "għall-ħarsien tagħhom" - pereżempju xi ħadd bid-dimenzja.
- Tillimita l-aċċess għall-kura. Pereżempju nuqqas ta' sapport domestiku fid-dar, nuqqas ta' kura personali, ma tkunx tista' tara t-tabib tal-familja, nuqqas ta' trasport għall-ħwienet, ħarġiet soċjali.
- Ma jingħatawx il-bżonnijiet bażiċi adattati, bħal ikel, ħwejjeġ u dar.

### Abbuż Sesswali

- L-abbuż sesswali hu att kriminali u jista' jinkludi kwalunkwe imġieba ta' natura sesswali li tagħmlek tħoss ruħek mhux komdu, imbeżża', intimidat jew mhedded.
- kuntat sesswali mingħajr kunsens, eż. taħtaf il-ġenitali ta' xi ħadd, esponiment mingħajr kunsens għal pornografija, tkun sfurzat li tkun għarwien, fastidju sesswali, attakk sesswali.

DID YOU KNOW?

**Il-Gvern ta' NSW ħatar Kummissarju tal-Anzjanità u tad-Diżabilità biex jipproteġi aħjar l-adulti b'diżabilità u persuni anzjani minn abbuż, negliġenza u sfruttament minn xi ħadd li jafu fid-dar tagħhom jew fil-komunità.**

**Ċempel lill-Linja Telefonika tal-Għajnuna tal-Abbuż tax-Xjuħija u tad-Diżabilità ta' NSW fuq 1800 628 221 biex**

- **tikseb tagħrif dwar is-servizzi ta' sapport li hemm**
- **titkellem ma' professjonist dwar it-tħassib tiegħek**
- **tkun mismugħ mingħajr ġudizzju**

**Tista' tkun anonimu u jkollok ħabib miegħek għas-sapport meta ċċempel il-Linja tal-Għajnuna (Helpline). Għarraf lil konsulent jekk tridx tuża interpretu.**

## Ikseb aktar tagħrif

**ĊEMPEL ISSA JEKK GĦANDEK BŻONN L-GĦAJNUNA**

**Older Persons Advocacy Network (OPAN) (Netwerk tas-servizzi li Tgħin Persuni Akbar fl-Età)** hu korp nazzjonali li jwassal servizz ta' persuna li tgħinek, tagħrif u edukazzjoni bla ħlas għall-persuni akbar fl-età madwar l-Awstralja. Kull stat għandu l-linja individwali telefonika tal-għajnuna. Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil OPAN.

**www.opan.com.au**

**1800 700 600**

**1800 ELDERHelp (GĦAJNUNA GĦALL-ANZJANI)** (1800 353 374) hu numru tat-telefon bla ħlas li awtomatikament jqabbad dawk li jkunu qed iċemplu li qed ifittxu tagħrif u parir dwar l-abbuż tal-anzjani, mas-servizz tat-telefown fl-istat jew fit-territorju tagħhom.

**1800 353 374**



# Tifhem id-Drittijiet Tiegħek

Aħna lkoll għandna drittijiet, ngħixu fejn ngħixu jew irrispettivament minn kemm għandna bżonn għajnuna. Jekk tirċievi kura u servizzi tal-kura tal-anzjani ffininanzjati mill-gvern int għandek id-drittijiet.

## Ċarter tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani

Jien għandi d-dritt biex

1. ningħata kura u servizzi siguri u ta' kwalità għolja
2. inkun stmat bid-dinjità u r-rispett
3. inżomm id-dinjità, il-kultura u d-diversità tiegħi jkunu rrispettati u ssapportjati
4. ngħix mingħajr abbuż u traskuraġni
5. inkun infurmat dwar il-kura u s-servizzi tiegħi b'mod li nifhem
6. nakkwista t-tagħrif kollu dwari stess, inkluż tagħrif dwar id-drittijiet, il-kura u s-servizzi tiegħi.
7. jkolli kontroll fuq u nagħmel għażliet dwar il-kura tiegħi, u l-ħajja personali u soċjai tiegħi, inkluż meta l-għażliet tiegħi jinvolvu riskju personali.
8. jkolli kontroll fuq, u nieħu deċiżjonijiet dwar, l-aspetti personali tal-ħajja tiegħi ta' kuljum, l-affarijiet finanzjarji u ħwejġi
9. l-inżomm indipendenza tiegħi
10. jisimgħuni u jifhmuni
11. jkolli persuna li nagħżel jien, inkluż persuna li tgħini rigward il-kura tal-anzjani, tissapportjani u titkellem għan-nom tiegħi
12. nilmenta mingħajr ma jpattuhieli, u kwalunkwe ilment tiegħi ikun meqjus b'mod fier u fil-pront
13. ingawdi privatezza personali u nara li tagħrif dwari jkun protett
14. neżerċita d-drittijiet tiegħi mingħajr ma jaffettwaw b'mod ħażin il-mod kif niġi meqjus





## Aged Care Quality and Safety Commission (Il-Kummissjoni tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)

L-Aged Care Quality and Safety Commission tipprovdi servizz bla ħlas lil kulmin iressaq it-tħassib tagħhom dwar il-kwalità tas-servizzi tal-kura tal-anzjani iffinanzjati mill-Gvern Awstraljan inkluż:

- Kura residenzjali jew respajt residenzjali
- Pakketti tal-Kura fid-Dar
- Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar
- Kura flessibbli, inkluża kura tranżitorja

## Kif Tikseb l-Għajnuna

- Int tista' ċċempel bla ħlas lil Aged Care Quality and Safety Commission fuq 1800 951 822. Jekk ikun hemm bżonn, huma ser jipprovdi interpretu bla ħlas
- Imla u ibgħat il-formola tal-ilment li tista' tniżżel mis-sit tal-web: www.agedcarequality.gov.au
- Ikteb ittra lil: Aged Care Quality and Safety Commission, GPO Box 9819, (fil-belt kapitali fejn tgħix)

**Ara li l-ittra tiegħek tinkludi:**

- ☐ l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefown tiegħek
- ☐ id-data meta qed titfa' l-ilment tiegħek
- ☐ id-dettalji tal-ilment tiegħek, inkluż dati speċifiċi tal-avvenimenti u kummenti relevanti
- ☐ l-isem tad-dar tal-kura tal-anzjani jew is-servizz tal-kura fid-dar u l-istat/territorju fejn jinsabu
- ☐ l-isem tal-persuna li qed tirċievi l-kura tal-anzjani li dwaru għandu x'jaqsam l-ilment.

**DID YOU KNOW?**

**Meta tixtri affarijiet u servizzi int għandek drittijiet skont il-Liġi Awstraljan tal-Konsumatur. Int għandek l-istess drittijiet meta tixtri affarijiet u servizzi tal-kura fid-dar, jew tirċevihom permezz tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar iffinanzjat mill-gvern. Mela kemm jekk qed tuża flusek jew il-fondi tal-gvern, hu importanti tkun taf x'inhuma d-drittijiet tiegħek tal-konsumatur.**

**Int tista' ssib aktar tagħrif dwar id-drittijiet tiegħek tal-konsumatur f'www.accc.gov.au/agedcare**

## Advocacy (Servizz ta' Persuna li tgħinek)

L-għan tal-advocacy tal-kura tal-anzjani hi biex tgħinek tkun mismugħ fid-deċiżjonijiet li jolqtu lil ħajtek. L-għan tal-advocacy hu li żżid il-kontroll tiegħek fuq il-kura, is-servzzi u l-kwalità tal-ħajja

**Advocates (Persuni li Jgħinuk)**

- Jipprovdi tagħrif dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek
- Jisimgħu t-tħassib tiegħek
- Jgħinuk issolvi l-problemi jew ilmenti mal-provvedituri tal-kura tal-anzjani
- Jitkellmu mal-provveditur tiegħek tas-servizz jekk hemm bżonn
- Jirreferuk għand aġenziji oħra fejn ikun hemm bżonn

L-Advocates jistgħu jgħinu jekk taħseb li qed tħallas wisq għas-servizzi, qed tkun stmat b'mod mhux fier jew mhux qed tirċievi s-servizzi li hemm imniżżla fil-ftehim tiegħek.

DID YOU KNOW?

**Is-servizzi tal-advocacy (persuni li jgħinuk) huma organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità. L-Advocacy hu bla ħlas, indipendenti u kunfidenzjali. L-advocate dejjem ser jitlob il-permess tiegħek qabel ma jieħu xi azzjoni.**

## Ikseb aktar tagħrif

**Older Persons Advocacy Network (OPAN) (Netwerk tas-servizzi tal-Persuni li Jgħinu Persuni Akbar fl-Età)** hu korp nazzjonali li jwassal servizz ta' persuna li tgħinek, tagħrif u edukazzjoni bla ħlas għall-persuni akbar fl-età madwar l-Awstralja.

**www.opan.com.au** **1800 700 600**

L-**Aged Care Quality & Safety Commission (Kummissjoni tal-Kwalità & tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)** jistgħu jgħinuk billi jgħaddu t-tħassib tiegħek direttament lill-provveditur tas-servizz u jistgħu jkomplu jissapportjawk f'kwalunkwe stadju matul il-proċess tal-ilmenti.

**www.agedcarequality.gov.au** **1800 951 822**







# Inkontinenza

Hekk kif tikber fl-età, issir ħaġa aktar komuni li titlef il-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina u ta' imsarnek. Uħud mill-kawżi tal-inkontinenza huma:




Hu aktar komuni għall-persuni akbar fl-età li jkollhom l-inkontinenza, imma tista' tiġi kkurata u mmaniġġjata.

DID YOU KNOW?

**Għal xi persuni bl-inkontinenza hemm bżonn li huma jużaw prodotti tal-kontinenza bħal pads u qliezet ta' taħt biex jimmaniġġjaw il-kundizzjoni tagħhom. Il-Gvern Awstraljan & l-gvernijiet Statali Territorjali joffru għajnuna finanzjarja biex jgħinu jnaqqsu xi wħud minn dawn l-ispejjeż.**

## X'inhuma s-Sintomi

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| • Int kultant tħoss li ma żvojtajtx totalment il-bużżieqa tal-awrina? | ☐ | ☐ |
| • Int ikollok il-bżonn tgħaġġel ħafna biex tmur it-tojlit? | ☐ | ☐ |
| • Int ta' spiss jaqbduk in-nervi għax taħseb li għandek mnejn titlef il-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew ta' imsarnek? | ☐ | ☐ |
| • Int tqum darbtejn jew aktar matul illejl biex tmur it-tojlit? | ☐ | ☐ |
| • Int xi kultant tqattar l-awrina qabel ma tasal fit-tojlit? | ☐ | ☐ |
| • Int xi kultant tqattar l-awrina meta terfa' xi ħaġa tqila, tagħtas, tisgħol jew tidħaq? | ☐ | ☐ |
| • Int xi kultant tqattar l-awrina meta tqum minn bilqegħda jew mimdum? | ☐ | ☐ |
| • Int xi kultant titqanżaħ biex tisvojta imsarnek? | ☐ | ☐ |
| • Int xi kultant tħammeġ il-ħwejjeġ ta' taħt? | ☐ | ☐ |
| • Int qed tippjana r-rutina tiegħek ta' kuljum biex tara li tkun ħdejn l-eqreb tojlit? | ☐ | ☐ |

**Jekk weġibt IVA għal kwalunkwe waħda minn dawn il-mistoqsijiet, int għandu mnejn għandek problema tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew tal-imsaren. Ikseb l-għajnuna, għax l-inkontinenza spiss tista' tkun ikkurata jew immaniġġjata mingħajr operazzjoni.**

## Kif Tikseb l-Għajnuna?

Kellem lit-tabib tiegħek jew ċempel **In-National Continence Helpline (Il-Linja Nazzjonali Telefonika tal-Għajnuna tal-Kontinenzja)** fuq **1800 33 00 66**. In-National Continence Helpline hu servizz ta' telefonata b'xejn u joffri servizz minn konsulenti nersis tal-kontinenza. Il-linja telefonika tal-għajnuna tista' tipprovdi tagħrif u parir dwar:

- Il-problemi tal-kontinenza
- Għażliet rigward il-kura
- Kif timmaniġġja l-inkontinenza, inkluż prodotti bħal pads
- Skemi ta' finanzjament biex inaqqas l-ispejjeż meta tixtri l-prodotti tal-kontinenza
- Fejn hemm servizzi lokali tal-kontinenza, fornituri tal-prodotti u manifatturi tal-prodotti

Huma jistgħu jipprovdu wkoll fuljetti bla ħlas ta' tagħrif f'lingwi barra l-Ingliż.








## Ikseb aktar tagħrif

**Il-Continence Foundation of Australia (Il-Fondazzjoni tal-Kontinenza tal-Awstralja)** hi l-korp prinċipali nazzjonali li jippromwovi s-saħħa tal-bużżieqa tal-awrina u tal-imsaren. Il-fondazzjoni tirrappreżenta l-interessi tal-Awstraljani milquta minn, jew li jinsabu f'riskju ta', problemi tal-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina jew tal-imsaren u jaġixxi bħala organizzazzjoni li tgħinhom.

**www.continence.org.au** **1800 330 066**

**Bladderbowel.gov.au** tipprovdi tagħrif biex jgħin rigward il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-problemi tal-bużżieqa tal-awrina u tal-imsaren

**www.bladderbowel.gov.au**

**In-National Public Toilet (It-Tojlit Pubbliku Nazzjonali)** jipprovdi tagħrif dwar fuq aktar minn 16,000 tojlits pubbliċi disponibbli madwar l-Awstralja, inkluż l-aċċessibilità, sigħat tal-ftuħ u faċilitajiet

**www.toiletmap.gov.au**



# Voluntier tal-Kura tal-Anzjani Skema tal-Viżitaturi

Persuni akbar fl-età li jħossuhom weħedhom jew iżolati mill-kultura u l-eredità tagħhom, u jixtiequ jiltaqgħu ma' persuni ġodda, jistgħu jiksbu sapport permezz tal-Iskema bla ħlas tal-Aged Care Volunteer Visitors Scheme (ACVVS) (Skema ta' Viżitaturi Voluntiera għall-Kura tal-Anzjani). Il-programm jġib flimkien anzjani ma' voluntiera permezz ta' viżiti jew telefonati regolari. L-ACVVS tinsab hemm għall-persuni li għalqu 65 sena u akbar li kienu approvati jew qed jirċievu kura tal-anzjani residenzjali ssussidjata mill-gvern jew Pakketti tal-Kura fid-Dar issussidjat mill-gvern, inklużi dawk li qed jirċievu kura approvata jew jinsabu fuq is-Sistema Nazzjonali tal-Prijorità għal kura residenzjali u Kura fid-Dar.

**DID YOU KNOW?**

**Kont taf li hemm 140 organizzazzjoni komunitarja ACVVS fl-Awstralja? L-iskema qabel kienet magħrufa bħala Community Visitors Scheme (CVS) (l-Iskema tal-Viżitaturi fil-Komunità) u ilha taħdem għal 30 sena. Il-programm ta' ħbiberija hu bla ħlas u ffinanzjat mill-Gvern Awstraljan.**

## Ikseb aktar tagħrif

**Aged Care Volunteer Visitors Scheme (ACVVS) (l-iSkema tal-Viżitaturi Voluntiera tal-Kura tal-Anzjani)** il-membri jġibu flimkien voluntiera ma' persuni akbar fl-età. Sib kif taħdem u kif titlob viżita.

**ACT, NSW & Victoria** — **0491 272 417**

**ACVVS website**

**health.gov.au/our-work/aged-care-volunteer-visitors-scheme-acvvs**





# Trasport Komunitarju

Is-servizzi tat-trasport komunitarju jistgħu jintlaħqu minn kulħadd, flessibbli u aċċessibbli Int tista' tuża t-trasport komunitarju biex

- tmur għall-appuntamenti mediċi
- tagħmel ix-xirja/tmur tixtri
- rikreazzjoni u ħarġiet soċjali
- tattendi avvenimenti essenzjali

Jistgħu jiġu għalik permezz ta' servizz ta' trasport (karozza jew bus) jew għandek mnejn tirċievi vowċers li jinkludu servizz tat-taxi.

## Kif Tikseb l-Għajnuna

Tista' tkun eliġibbli għat-trasport komunitarju jekk int

- minn sfond divers
- għandek diżabilità tal-moblità li ma tħallikx tuża trasport konvenzjonali/jew tgħix bid-dimenzja (li għandek aktar minn 65 jew aktar minn 50 fil-każ ta' persuni Aboriġeni jew dawk mill-Gżejjer ta' Torres Strait)
- tgħix f'żona aktar remota/iżolata mingħajr aċċess għal trasport konvenzjonali
- int żvantaġġjat finanzjarjament

Il-provveditur lokali tiegħek tat-trasport komunitarju jista' jiddiskuti l-eliġibilità tiegħek għal sussidji, u jekk int eliġibbli, il-proċess tal-assessjament u tar-reġistrazzjoni.

## Ikseb aktar tagħrif

**Trasport Komunitarju** jipprovdi servizz minn bieb bieb għall-persuni li għandhom sfidi tat-trasport. Il-provvedituri tat-trasport komunitarju madwar l-Awstralja jippermettu l-persuni jattendu avvenimenti soċjali, tal-familja u kulturali, jagħmlu x-xirja u appuntamenti mediċi.

**www.cto.org.au** — **1300 679 286**



# Meals on wheels (servizz ta' ikel li jitwassal id-dar tiegħek)

Anzjani li jridu li l-ikel tagħhom jitwassal id-dar jistgħu jużaw is-servizz tal-Meals on Wheels. Is-servizz jipprovdi firxa ta' għażliet rigward varjetà ta' bżonnijiet tad-dieta, li jgħoddu għal dawk li huma dijabetiċi, melħ mill-inqas u ikliet kulturalment diversi.

## Kif Tikseb l-Għajnuna

- Jekk int għandek aktar minn 65 sena (50 sena jekk int Aboriġenu jew mill-Gżejjer ta' Torres Strait), int tista' tkun eliġibbli li tirċievi Servizzi ta' Sapport fid-Dar, inkluż ikel li jitwassal sal-bieb tiegħek.
- Ikkuntattja lis-servizzi lokali tiegħek tal-Meals on Wheels permezz tas-siti tal-web ta' hawn taħt. Huma ser jispjegaw kif jaħdem is-servizz u jqabbduk biex tibda tuża dan is-servizz.
- Biex tirċievi l-ikel bi spiża issussidjata int teħtieġ li tkun qed tirċieivi pensjoni sħiħa jew parzjali tad-diżabilità jew tal-età. Spiss il-kerers huma eliġibbli wkoll.

DID YOU KNOW?

**Jekk int għandek bżonn urġenti ta' ikel ikkuntattja lis-servizzi lokali tiegħek tal-Meals on Wheels direttament. Huma ser jipprovdulek servizz immedjat u jistgħu jgħinuk tagħmel referiment għal għand My Aged Care.**

## Ikseb aktar tagħrif

**Australian Meals on Wheels Association (AMOWA) (Assoċċjazzjoni Awstraljana tal-Meals on Wheels)** tipprovdi mezz biex tiżviluppa u taqsam l-aħjar prattika ma' madwar 600 servizz li l-Assoċjazzjonijiet tal-Istat u tat-Territorju jirrappreżentaw, flimkien mal-promozzjoni u jqajjmu għarfien dwar il- Meals on Wheels fl-Awstralja.

| | | |
|---|---|---|
| **NSW** | **www.nswmealsonwheels.org.au** | **(02) 8219 4200** |
| **ACT** | **www.redcross.org.au** | **(03)9345 1800** |
| **QLD** | **www.qmow.org** | **1300 090 97 90** |
| **VIC** | **www.mealsonwheelsvictoria.org.au** | **0459 406 433** |
| **SA** | **www.mealsonwheelssa.org.au** | **1800 854 453** |
| **TAS** | **www.mowtas.org.au** | **1800 696 325** |
| **WA** | **www.mealsonwheelswa.org.au** | **contactwa@mealsonwheels.org.au** |







# Care Finders (Jgħinuk Tikseb il-Kura)

Xi persuni għandhom bżonn għajnuna ekstra biex jifhmu u jirċievu s-servizzi ta' sapport li għandhom bżonn. Il-Care Finders hu servizz bla ħlas anzjani aktar vulnerabbli anzjani li m'għandhomx familja jew ħbieb biex jgħinuhom.

Il-Care Finders ser

- jiltaqgħu miegħek wicc imb' wiċċ jekk tixtieq dan
- jispjegawlek is-sistema tal-kura tal-anzjani
- jgħinuk takkwista s-servizzi li int eliġibbli għalihom

## L-għajnuna mill-care finders

Hemm **organizzazzjonijiet** tal-care finder madwar l-Awstralja kollha li tista' ċċemplilhom għall-għajnuna.

**www.myagedcare.gov.au/help-care-finder**

**Ċempel lil MCCI fuq (02) 4229 7566 biex iqabbduk ma' provvedituri oħrajn**



# Saħħa Mentali

Is-saħħa mentali hi kundizzjon tas-saħħa li tolqot b'mod sinifikanti kif persuna tħoss, taħseb, iġġib ruħha u kif taġixxi ma' persuni oħra.

Hemm numru ta' fatturi soċjali, psikoloġiċi u bijoloġiċi li jistgħu jolqtu b'mod ħażin il-livell tas-saħħa mentali tiegħek.

Is-saħħa mentali hi parti ċentrali tal-benesseri totali tiegħek. It-tnaqqis fil-livell tas-saħħa mentali jista' jolqot il-kunfidenza tiegħek u l-kapaċità tiegħek biex tkampa mal-ħajja.

Meta tikber fl-età dan iġib sfidi u int għandek mnejn issibha iebsa biex tibqa' attiva mentalment u fiżikament f'ċertu ħin.

Hemm ħafna problemi li jistgħu jolqtu s-saħħa mentali tiegħek bħal mard, niket u telf ta' xi membru tal-familja, stress finanzjarju, bidla fl-arranġament tal-għajxien, u iżolament soċjali.

Hu importanti tiftakar li l-mard mentali mhux differenti minn kwalunkwe mard fiżiku ieħor. Hekk kif l-għarfien kmieni tal-mard tal-qalb hu importanti fil-każ tal-kura u l-irkopru tal-pazjent; dan jgħodd ukoll għall-mard mentali.

## Kif Tikseb l-Għajnuna

Li tistaqsi lit-tabib tiegħek għal parir dwar is-saħħa mentali dan hu l-ewwel pass tajjeb - jekk hemm bżonn, huma jistgħu jirreferuk għal servizzi ta' sapport li l-aktar jgħoddu għall-ħtiġijiet tiegħek. Hemm ukoll organizzazzjonijiet eċċellenti tal-anzjani u tal-kerers li int tista' tikkuntattja biex tikseb l-għajnuna.





## Ikseb aktar tagħrif

- **My Aged Care -** is-servizzi tal-kura tal-anzjani pprovduti mill-gvern Awstraljan.
  **www.myagedcare.gov.au** **1800 200 422**
- **Head to Health** jista' jgħinek issib is-servizzi diġitali tas-saħħa mentali minn xi wħud mill-organizzazzjonijiet tas-saħħa mentali li l-aktar li tista' torbot fuqhom fl-Awstralja. Jġibu flimkien apps (programmi tal-kompjuter), programmi onlajn, forums onlajn, servizzi bit-telefown, u riżorsi ta' tagħrif diġitali.
  **www.headtohealth.gov.au** **1800 648 911**
- **At Ease** servizz ta' sapport tas-saħħa mentali għal veterani, jgħinuk tagħraf is-sinjali, tieħu miżuri u żżomm livell ogħla tal-benesseri tiegħek.
  **www.at-ease.dva.gov.au** **133 254**
- **Beyond Blue -** jipprovdi tagħrif u sapport biex jgħin lil kulħadd fl-Awstralja jilħqu l-aqwa livell possibbli ta' saħħa mentali, tkun xi tkun l-età tagħhom u joqgħodu fejn joqgħodu.
  **www.beyondblue.org.au** **1300 22 4636**
- **SANE Australia -** tipprovdi għarfien tas-saħħa mentali, sapport u tagħrif onlajn minn persuni tamparek, tnaqqis ta' stigma, linja telefonika tal-għajnuna tas-sapport speċjalizzat, riċerka u avokatura (persuna li tgħinek)
  **www.sane.org** **1800 187 263**
- **Lifeline -** servizzi ta' 24 siegħa ta' sapport tal-kriżi u servizzi tal-prevenzjoni tas-suwiċidju.
  **www.lifeline.org.au** **13 11 14**
- **Suicide Call Back Service (Servizz ta' Telefonata Lura rigward Suwiċidju) -** hu servizz nazzjonali li jipprovdi telefown 24/7, vidjo u pariri professjonali onlajn lil persuni li huma milquta mis-suwiċidju.
  **www.suicidecallbackservice.org.au** **1300 659 467**
- **Health Direct Australia (Saħħa Diretta Awstralja) -** servizz bla ħlas ta' pariri u tagħrif dwar is-saħħa li tista' tużah 24 siegħa.
  **www.healthdirect.gov.au** **1800 022 222**

# Lista tas-Sorsi

www.mindhealthconnect.org.au/anxiety

www.bspg.com.au/dam/bsg/product?client=BEYONDBLUE&prodid=BL/0063&type=file

www.tisnational.gov.au/

www.myagedcare.gov.au/

www.dementia.org.au/

www.healthdirect.gov.au/dementia-symptoms

www.cancercouncil.com.au/blog/palliative-care-infographic/

www.palliativecare.org.au/understanding-palliative-care-parent-menu/what-is-palliative-care

www.carersnsw.org.au/facts/who-are-carers

www.agedcare.health.gov.au/support-services/the-national-aged-care-advocacy-program

www.agedcarecomplaints.gov.au/raising-a-complaint/lodge-a-complaint/

www.continence.org.au/

www.opan.com.au

www.health.nsw.gov.au

www.australiancta.org.au

www.mealsonwheels.org.au

www.alz.org/alzheimers_disease_10_signs_of_alzheimers.asp

www.agedcare.health.gov.au/older-people-their-families-and-carers/community-visitors-scheme

www.mcci.org.au/media/WEB_Carers_Support_Booklet_English_11.10.2017.pdf

www.dhi.health.nsw.gov.au

www.health.nsw.gov.au/patients/acp/Pages/acd-form-info-book.aspx

www.be.macmillan.org.uk



# Organizzazzjonijiet li kkontribwew

Continence Foundation of Australia | NATIONAL CONTINENCE HELPLINE 1800 33 00 66

Meals on Wheels

NSW GOVERNMENT | Health Mid North Coast Local Health District

Australian Government | Aged Care Quality and Safety Commission

NSW elderabuse helpline & resource unit

NSW GOVERNMENT | NSW Trustee & Guardian

Carers NSW Australia

Seniors Rights Service

Australian Government | Department of Home Affairs

TIS TRANSLATING AND INTERPRETING SERVICE







Dan ir-riżors kien żviluppat minn

MCCI


**L-Uffiċċji fil-Illawarra & l-ACT**

(02) 42297566 / (02) 6169 3986

admin@mcci.org.au

mcci.org.au


Sibna fuq il-Facebook